IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.11.2017
COM(2017) 659 final

2017/0296 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja biex tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[1] (minn issa 'l quddiem "id-Direttiva tal-VAT"), il-Kunsill, billi jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza kwalunkwe Stat Membru biex japplika miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva sabiex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew biex jipprevjeni ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa.

B'ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-3 ta' Lulju 2017, il-Latvja talbet għal awtorizzazzjoni biex tkompli l-applikazzjoni tal-miżura li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva tal-VAT sabiex tippermetti l-eżenzjoni mill-VAT ta' persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx livell limitu speċifiku. Wara valutazzjoni mill-ġdid tal-applikazzjoni tal-livell limitu preċedenti, il-Latvja qed titlob li jitnaqqas il-livell limitu tal-eżenzjoni minn EUR 50 000 għal EUR 40 000.

Skont l-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra, b'ittri datati t-13 ta' Settembru 2017, bit-talba li għamlet il-Latvja. B'ittra datata l-14 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni nnotifikat lil-Latvja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tikkunsidra t-talba.

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Il-Kapitolu 1 tat-Titolu XII tad-Direttiva tal-VAT jagħti l-possibbiltà lill-Istati Membri biex japplikaw skemi speċjali għall-impriżi ż-żgħar, fosthom il-possibbiltà li jeżentaw lil persuni taxxabbli li jkollhom inqas minn ċertu fatturat annwali. Din l-eżenzjoni timplika li persuna taxxabbli ma għandhiex għalfejn iżżomm il-VAT fuq il-provvisti tagħha, u b'konsegwenza ta' dan, ma tistax tnaqqas il-VAT minn fuq l-inputs.

Skont l-Artikolu 287(10) tad-Direttiva tal-VAT, il-Latvja tista' teżenta mill-VAT lil persuni taxxabbli li jkollhom fatturat annwali ta' mhux iktar mill-ekwivalenti ta' EUR 17 200 fil-munita nazzjonali bir-rata tal-konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha. Bis-saħħa tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/584/UE[2], il-Latvja ġiet awtorizzata biex tapplika livell limitu ogħla u għalhekk li teżenta mill-VAT lil persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx il-EUR 50 000. Din il-miżura ġiet estiża permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/796/UE[3], li tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2017. Il-Latvja qed titlob li tiġi estiża l-miżura sa mill-1 ta' Jannar 2018 u, fl-istess waqt, li jitnaqqas il-livell limitu tal-eżenzjoni minn EUR 50 000 għal EUR 40 000.

Mill-informazzjoni pprovduta mil-Latvja, it-tnaqqis tal-livell limitu tal-VAT minn EUR 50 000 għal EUR 40 000 jirriżulta f'żieda ta' madwar 650 persuna taxxabbli rreġistrata għall-VAT, prinċipalment fis-setturi li jipprovdu servizzi legali u ta' kontabilità, l-operaturi tal-kummerċ bl-imnut, minbarra l-karozzi u l-muturi u l-kontribwenti involuti fil-produzzjoni tal-għelejjel u tal-annimali, fil-kaċċa u f'attivitajiet ta' servizzi relatati.

---

1 ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

2 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/584/UE tas-27 ta' Settembru 2010 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja sabiex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 256, 30.9.2010, p. 29).

3 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/796/UE tas-7 ta' Novembru 2014 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja sabiex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 330, 15.11.2014, p. 46).

It-taxxa tal-input ta' persuni li jħallsu l-VAT li l-fatturat annwali tagħhom ma kienx akbar minn EUR 40 000 fl-2015, kienet taqbeż b'mod ġenerali l-VAT li jitħallas fil-baġit nazzjonali, b'tali mod li l-kost għall-Istat marbut mal-ġbir tal-VAT minn dawn il-persuni jaqbeż l-ammont mistenni ta' dħul li kellu jasal.

Barra minn hekk, peress li l-livell limitu attwali tal-Latvja ta' EUR 50 000 huwa pjuttost ogħla minn dak fil-pajjiżi referenzjarji kollha, b'mod partikolari meta mqabbel mal-pajjiżi ġirien (EUR 45 000 fil-Litwanja u EUR 40 000 fl-Estonja), il-livelli limiti tal-VAT ġew evalwati mill-ġdid. Il-qligħ mit-tnaqqis fil-kostijiet tal-amministrazzjoni tat-taxxa u tal-konformità ġew ivvalutati bir-reqqa biex ma jkunx hemm distorsjonijiet fil-kompetizzjoni li jirriżultaw mid-differenza fit-trattament bejn il-kontribwenti fuq iż-żewġ naħat tal-livell limitu tal-VAT.

Il-persuni taxxabbli li l-fatturat tagħhom ma jaqbiżx il-livell limitu xorta waħda jkollhom il-possibbiltà li jiġu rreġistrati għal skopijiet ta' VAT.

Meta jitqies li l-Latvja ġiet awtorizzata biex teżenta mill-VAT lil persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx livell limitu ta' EUR 50 000 għal seba' snin u li evalwat is-sitwazzjoni mill-ġdid, jidher li livell limitu iktar baxx huwa aċċettabbli. Għalhekk qed jiġi propost li l-Latvja titħalla tbaxxi l-livell limitu tal-eżenzjoni għall-SMEs minn EUR 50 000 għal EUR 40 000, sal-31 ta' Diċembru 2020 jew sad-dħul fis-seħħ ta' Direttiva dwar il-livelli limitu tal-fatturat annwali li taħthom il-persuni taxxabbli jistgħu jiġu eżentati mill-VAT, skont liema minn dawn jiġi l-ewwel.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Stati Membri oħra ngħataw derogi simili. Il-Belġju[4] ngħata livell limitu ta' EUR 25 000, il-Lussemburgu[5] ngħata livell limitu ta' EUR 30 000, il-Polonja[6] u l-Estonja[7] ngħataw livell limitu ta' EUR 40 000, il-Litwanja[8] ngħatat livell limitu ta' EUR 45 000, is-Slovenja[9] ngħatat livell limitu ta' EUR 50 000 u l-Italja[10] ngħatat limitu ta' EUR 65 000.

---

4 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2348 tal-10 ta' Diċembru 2015 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/53/UE li tawtorizza lir-Renju tal-Belġju biex jintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 330, 16.12.2015, p. 51).

5 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/319 tal-21 ta' Frar 2017 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/677/UE li tawtorizza lil-Lussemburgu biex jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 47, 24.2.2017, p. 7).

6 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2090 tal-21 ta' Novembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2009/790/KE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 324, 30.11.2016, p. 7).

7 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/563 tal-21 ta' Marzu 2017 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Estonja biex tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 80, 25.3.2017, p. 33).

8 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/795/UE tas-7 ta' Novembru 2014 li temenda l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/335/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja sabiex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 330, 15.11.2014, p. 44).

9 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2089 tal-10 ta' Novembru 2015 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/54/UE li tawtorizza lir-Repubblika tas-Slovenja sabiex tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 302, 19.11.2015, p. 107).

10 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1988 tat-8 ta' Novembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/678/UE li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tkompli

Jenħtieġ li d-derogi mid-Direttiva tal-VAT dejjem ikunu limitati fiż-żmien sabiex l-effetti tagħhom ikunu jistgħu jiġu vvalutati. Barra minn hekk, attwalment id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva tal-VAT dwar skema speċjali għall-impriżi ż-żgħar huma soġġetti għal rieżami. Kif imħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-VAT[11], u fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-2017[12], huwa mistenni li l-proposta tal-Kummissjoni fil-forma ta' pakkett komprensiv ta' simplifikazzjoni tiġi ppreżentata sa tmiem l-2017.

Għalhekk, qed jiġi propost li l-miżura tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru 2020 jew sad-dħul fis-seħħ ta' Direttiva li temenda d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-VAT dwar skema speċjali għall-impriżi ż-żgħar.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-miżura tikkonforma mal-objettivi tal-Unjoni għan-negozji ż-żgħar, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" – "Att dwar in-Negozji ż-Żgħar għall-Ewropa"[13], li tistieden lill-Istati Membri biex iqisu l-karatteristiki speċjali tal-SMEs meta jfasslu l-leġiżlazzjoni u, għaldaqstant, biex jissimplifikaw l-ambjent regolatorju eżistenti.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija bbażata l-proposta, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru fuq talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-għan li jrid jintlaħaq, jiġifieri s-simplifikazzjoni għal għadd addizzjonali ta' persuni taxxabbli żgħar u għall-amministrazzjoni tat-taxxa.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, deroga mir-regoli komuni tal-VAT hija possibbli biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill hija l-iktar strument xieraq billi tista' tiġi indirizzata lil Stat Membru individwali.

---

tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 306, 15.11.2016, p. 11).

11 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar pjan ta' azzjoni dwar il-VAT, Lejn żona unika tal-VAT fl-UE – Iż-żmien biex niddeċiedu, Brussell, 7.4.2016, COM(2016)148 final.

12 Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-2017 – It-twettiq bil-fatti ta' Ewropa li tipproteġi, li tagħti s-setgħa u li tiddefendi, Strasburgu, 25.10.2016, COM(2016)710 final.

13 KUMM(2008)394 tal-25 ta' Ġunju 2008.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta hija bbażata fuq talba li saret mil-Latvja u tirrigwarda biss lil dan l-Istat Membru.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tawtorizza lil-Latvja biex tkompli teżenta mill-VAT lil persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx l-EUR 40 000. Il-persuni li l-fatturat taxxabbli tagħhom ma jaqbiżx il-livell limitu mhux se jkollhom jirreġistraw għal skopijiet ta' VAT, u għaldaqstant il-piż amministrattiv fuqhom se jonqos bħala riżultat tal-miżura, peress li dawn mhux se jkollhom għalfejn iżommu rekords tal-VAT jew jippreżentaw dikjarazzjoni tal-VAT.

Skont il-Latvja, il-livell limitu ta' EUR 40 000 mhux se jkollu l-ebda impatt sostanzjali fuq il-ġbir ta' dħul mill-VAT. Għall-kuntrarju, analiżi tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT ippreżentati minn operaturi ekonomiċi b'fatturat annwali ta' bejn EUR 40 000 u EUR 50 000 turi li l-introduzzjoni ta' livell limitu ta' EUR 40 000 għar-reġistrazzjoni tal-VAT se żżid id-dħul totali mill-VAT b'EUR 5,9 miljun.

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-UE għaliex il-Latvja se twettaq kalkolu ta' kumpens skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, EURATOM) 1553/89.

5. ELEMENTI OĦRA

Il-proposta tinkludi klawżola ta' estinzjoni.

2017/0296 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja biex tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 287(10) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Latvja tista' teżenta mit-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) lil persuni taxxabbli li jkollhom fatturat annwali li ma jaqbiżx l-ekwivalenti ta' EUR 17 200 fil-munita nazzjonali bir-rata tal-kambju fil-jum tal-adeżjoni tagħha.

(2) Bis-saħħa tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/584/UE[2], il-Latvja ġiet awtorizzata, bħala miżura ta' deroga, li teżenta lil persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx il-EUR 50 000 sal-31 ta' Diċembru 2013. Din il-miżura ġiet estiża permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/796/UE[3] u tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2017.

(3) B'ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-3 ta' Lulju 2017, il-Latvja talbet għal awtorizzazzjoni għal miżura ta' deroga mill-Artikolu 287(10) tad-Direttiva 2006/112/KE sabiex tkun tista' tkompli tidderoga mill-Artikolu 287(10) tad-Direttiva 2006/112/KE u wkoll biex tnaqqas il-livell limitu tal-eżenzjoni għal EUR 40 000. Permezz ta' dik il-miżura, dawk il-persuni taxxabbli jkunu eżentati minn ċerti obbligi jew mill-obbligi kollha fir-rigward tal-VAT, imsemmija fil-Kapitoli 2 sa 6 tat-Titolu XI tad-Direttiva 2006/112/KE.

(4) Skont l-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra, bit-talba li għamlet il-Latvja b'ittra datata t-13 ta' Settembru 2017. B'ittra datata l-14 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni nnotifikat lil-Latvja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tikkunsidra t-talba.

(5) Minħabba li l-livell limitu mnaqqas għandu jirriżulta fi tnaqqis tal-obbligi tal-VAT u għalhekk fi tnaqqis tal-kostijiet amministrattivi għall-impriżi ż-żgħar, jenħtieġ li l-

[1] ĠU 347, 11.12.2006, p. 1.

[2] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/584/UE tas-27 ta' Settembru 2010 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 256, 30.9.2010, p. 29).

[3] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/796/UE tas-7 ta' Novembru 2014 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja sabiex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 330, 15.11.2014, p. 46).

Latvja tiġi awtorizzata biex tapplika l-miżura għal perjodu limitat. Jenħtieġ li l-persuni taxxabbli xorta waħda jkunu jistgħu jagħżlu l-arranġamenti normali tal-VAT.

(6) Peress li l-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva 2006/112/KE li jirregolaw l-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar huma soġġetti għal rieżami, huwa possibbli li tidħol fis-seħħ Direttiva li temenda dawk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112/KE qabel jiskadi l-perjodu ta' validità tad-deroga.

(7) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mil-Latvja, il-livell limitu mnaqqas se jkollu biss impatt negliġibbli fuq l-ammont ġenerali ta' dħul mit-taxxa miġbur fl-istadju finali tal-konsum.

(8) Id-deroga ma għandha l-ebda impatt fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jakkumulaw mit-taxxa fuq il-valur miżjud minħabba li l-Latvja se twettaq kalkolu ta' kumpens skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE EURATOM) 1553/89[4].

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'deroga mill-Artikolu 287(10) tad-Direttiva 2006/112/KE, ir-Repubblika tal-Latvja hija awtorizzata li teżenta mill-VAT lil persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx l-EUR 40 000.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha.

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2020, jew sad-dħul fis-seħħ ta' Direttiva li temenda l-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva 2006/112/KE li jirregolaw l-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar, skont liema data tiġi l-ewwel.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Latvja.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

[4] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9).